## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Każ. Numru: 39/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**
**(Spettur Wayne Borg)**

**Vs**

**Dejan Grech**
**(K.I. 344898M)**

**Illum, 04 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Dejan Grech** ta' 22 sena, iben Kenneth u Shirley Grech neè Clinch, imwieled il-Pietà, nhar is-17 ta' Settembru 1998, u residenti "Hubbard", Blk XI, Flat 5, Triq Rikkardu Taylor, Bormla, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru **344898M** fejn huwa ġie akkużat:

> Talli fix-xahar ta' Jannar 2021 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ta jew offra servizz tal-logħob u, jew fornitura ta' logħob kritika li jeħtieġu liċenzja, mingħajr liċenzja meħtieġa maħruġa mill-Awtorità jew minn awtorità oħra kompetenti fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew li għen, ħeġġeġ jew xort' oħra ffaċilita dak l-għoti;

2. Kif ukoll talli wettaq, ippromwova, ta għajnuna, ħajjar jew b'xort'oħra iffaċilita t-twettiq ta' attività li teħtieġ awtorizzazzjoni mingħajr tali awtorizzazzjoni;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2021, l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu iżda talab li jsir pre-sentencing report fir-rigward tiegħu;

Rat illi l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob tat il-permess tagħha sabiex jittieħdu proċedimenti kriminali kontra Dejan Grech ai termini tal-Artikolu 24(2) tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, liema permess huwa datat is-17 ta' Marzu 2021;[1]

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi permezz ta' nota datata 3 ta' Settembru 2021, l-Uffiċjal tal-Probation Ritianne Sultana ġiet nominata sabiex tħejji Pre-sentencing report fil-konfront ta' Dejan Grech[2];

[1] A fol. 7 tal-Atti Proċesswali.
[2] A fol. 49 tal-Atti Proċesswali.

Rat illi l-Pre-sentencing report ġiet ppreżentat u kkonfermat bil-ġurament fit-8 ta' Ottubru 2021;[3]

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar;

Rat illi permezz ta' nota datata l-14 ta' Jannar 2022, l-Uffiċjal tal-Probation għamlet xi korrezzjonijiet għar-rapport minnha redatt[4];

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi fil-każ *de quo*, Dejan Grech ġie akkużat talli wettaq attivitajiet ta' logħob mingħajr ma kellu d-debita liċenzja maħruġa ai termini tal-Att Dwar il-Logħob, Kap. 538 tal-Liġijiet ta' Malta. Hu ammetta l-involviment tiegħu mal-ewwel mal-pulizija u anke rreġistra amissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri.

Jinsab riportat fir-rapport redatt mill-Uffiċjal tal-Probation illi Dejna Grech kellu l-vizzju tal-logħob u minħabba dan il-vizzju hu tilef madwar €9,000. Hu ssellef dan l-ammont mingħand terza persuna b'dan illi kellu jħallashom lura fi żmien 5 xhur. Ma kellux minn fejn iħallas lura dan l-ammont u b'hekk iddeċieda li jwettaq ammont ta' logħob kontra l-liġi għal terzi persuni. Hu sostna mal-Uffiċjal tal-Probation li jiddispaċiħ ħafna li spiċċa f'dan iċ-ċirku vizzjuż u qal li llum-il ġurnata waqaf għall-kollox mil-logħob. Qal li l-arrest

[3] A fol. 55 tal-Atti Proċesswali;
[4] A fol. 106 tal-Atti Proċesswali;

odjern serva ta' tagħlima għalih u se jagħmel minn kollox sabiex ma jerġax jaqa' f'dan il-vizzju li jista' jwasslu għal atti illegali oħra.

Ikkonsidrat;

L-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejh mal-ġustizzja. Fil-fatt, il-Fedina Penali tiegħu hija waħda nadifa u m'għandu ebda każ ieħor pendenti. Huwa ovvju għall-Qorti li dan l-episodju kien inċident singolari fil-ħajja tal-akkużat u jidher li huwa ferm iddispjaċut għal dak li għamel u li dawn il-proċeduri se jservu ta' tbeżbiża serja għalih.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa r-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation u rat il-konklużjoni tal-istess, ċioe fejn jingħad li wara li ġew ikkonsidrati l-età tal-imputat, l-imġieba talba tiegħu fil-konfront tal-pulizija u anke fil-konfront tal-Uffiċjal tal-Probation, il-Fedina Penali nadifa tiegħu kif ukoll il-fatt li kull test li ttieħed għal sustanzi illeċiti irriżulta fin-negattiv ir-rakkomandazzjoni hi li l-piena għandha tkun waħda lejn il-minimu stabbilit mil-liġi. Il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi minn din ir-rakkomandazzjoni u ser tabbraċċjaha bis-sħiħ u dan anke fid-dawl tal-fatt li jidher ċar li dan kien inċident ta' darba u ma reġax irrepeta ruħu.

Ikkonsidrat;

Illi bl-aġir tiegħu kif ammess, l-akkużat kiser kemm id-dispożizzjoni tal-paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 13 tiegħu.

Illi l-Artikolu 23(1) tiegħu jistipola li kull min jinsab ħati ta' reat stipulat fit-Tielet Skeda tal-Att jeħel multa ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux iżjed minn ħames mitt elf euro (€500,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Din il-piena tiżdied fil-każ li l-akkużat ikun reċidiv b'reat ieħor taħt l-istess Att. Illi di più l-Artikolu 23(3) jistipola li d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, kif ukoll-Artikoli 21 u l-Artikoli minn 28A sa 28I tal-Kodiċi Kriminali m'għandhomx japplikaw dwar ir-reati msemmija f'dan l-Att.

Illi b'hekk, il-Qorti għandha idejha marbuta għall-finijiet ta' piena u ser tgħaddi biex tapplika l-piena kif stabbilita bil-Liġi, għalkemm fil-minimu tagħha kif hemm rakkomandat fil-Pre-sentencing report hawn fuq imsemmi.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat il-paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 13, 23 u 24 tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil Dejan Grech **ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ għal piena ta' multa ta' għaxart elef Euro (€10,000).

In vista tal-fatt li l-akkużat ammetta l-akkużi kontra tiegħu, il-Qorti ma tarax li għandha tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9 fil-konfront tiegħu.

**Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat